**Santa Luċija**

**Minuti**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Numru 72/2024**

**23 ta' April 2024**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-05:30 p.m.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Charmaine St John | Sindku |
| Frederick Cutajar | Viċi Sindku |
| Kylie D'Amato | Kunsilliera |
| Liam Sciberras | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |

**Assenti b'Apoloġiji (Skond Ordni Permanenti 14A (3))** :

| | |
|---|---|
| Terrence Ellul | Kunsillier |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**72.01 Talba**

72.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**72.02 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

72.02.01 Id-DSE informa li l-Kunsillier Ellul kien informah li ma setax jattendi minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-Kunsill approva li l-Kunsillier Ellul jitqies bħala skużat.

**72.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 71-24**

72.03.01 Il-Minuti tal-Laqgħa 71-24 kienu ġew iċċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Minuti ġew approvati unanimament bis-Sindku tipproponi u l-Kunsillier Sciberras jissekonda.

**72.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

72.04.01 Is-Sindku nfurmat li konna rċivejna ċ-ċertifikazzjoni tal-*gazebo* u għalhekk issa kien jonqos biss li l-Kunsill jingħata ċ-ċwievet.

72.04.02 Is-Sindku nfurmat li wara li kienu nfetħu l-offerti sabiex isir il-*fencing* madwar il-*ground* tal-5-a-side, ir-rakkomandazzjoni kienet li l-Kunsill għandu jagħżel l-orħos offerta. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill u għalhekk wara li jgħaddi ż-żmien tal-appell u tinġieb il-garanzija bankarja skont l-offerta, jkun jista' jibda x-xogħol.

72.04.03 Is-Sindku nfurmat li sad-data tal-għeluq sa meta konna qed naċċettaw l-applikazzjonijiet sabiex timtela l-vakanza ta' Assistent Uffiċjal Prinċipali (Skala 11) konna rċivejna applikazzjoni waħda biss, dik ta' GA u l-intervista kienet ser issir nhar il-Ġimgħa.

72.04.04 Is-Sindku nfurmat li c-Ċentru Kulturali Ċiniż f'Malta kien talab sabiex fis-27 ta' April jiġi ċċelebrat il-Jum Dinji tat-Tai Chi ġewwa l-Ġnien tas-Serenita'. Hija qalet li l-Kunsill kien intalab sabiex jipprovdi 30 siġġu kif ukoll persuna sabiex toqgħod għassa mat-*Terracotta Warriors*. Din it-talba ġiet aċċettata.

72.04.05 Is-Sindku nfurmat li kienet ġiet avviċinata mill-Kor *Angelic Voices* sabiex tinżamm attività fis-17 ta' Mejju bil-parteċipazzjoni ta' dan il-kor u hija kienet qed tissuġġerixxi li dakinhar jiġi inawgurat il-*gazebo*. Wara interventi mill-Viċi Sindku u l-Kunsillier Sciberras, ġie deċiż li fl-imsemmija okkażjoni jiġu mistiedna sabiex jipparteċipaw korijiet oħra minn Santa Lucija u fiċ-ċirkostanzi d-data ta' dan l-avveniment għandha tiġi deċiża aktar il-quddiem.

72.04.06 Is-Sindku nfurmat li t-tarġa tal-van kienet waslet u għandha tiġi nstallata l-ġimgħa d-dieħla.

72.04.07 Is-Sindku nfurmat li x-xufier preżenti tal-van kien ser jirtira bl-età fix-xhur li ġejjin u għalhekk kien hemm il-bżonn li jinġieb xufier ieħor u kien irnexxielna nġibu persuna taħt l-iskema tal-CWS però l-Kunsill kien irid iħallas sabiex din il-persuna tkun tista' ġġib it-*tag* ta' TM sabiex tkun tista' ssuq dan it-tip ta' van. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

72.04.08 Is-Sindku nfurmat li fil-ġranet li għaddew kellha laqgħa mal-Perit tal-Awtorità' tad-Djar fejn kien hemm qbil li għandhom isiru l-pannelli fotovoltajiċi fil-proġett li sar dan l-aħħar mill-istess Awtorità kif ukoll ser tinħareġ skema sabiex ikunu jistgħu jiġu restawrati l-faċċati tal-*flats* tal-Gvern.

72.04.09 Is-Sindku spjegat li dwar l-applikazzjoni PA2021/24 hija kienet tkellmet mal-Kunsill ta' Ħal Għaxaq peress li fuq naħa minnhom tiġi fil-konfini ta' dan il-Kunsill iżda dawn ma kienux ser joġġezzjonaw. Hija qalet li kienet qed tistenna mingħand l-avukat tal-Kunsill sabiex naraw jekk hemmx każ fuq xiex wieħed jista' joġġezzjona sabiex fil-każ noġġezzjonaw. Dwar dan kien hemm qbil.

72.04.10 Is-Sindku nfurmat li kienet attendiet għal laqgħa li saret mid-Dipt. tax-Xogħlijiet Pubbliċi dwar kollaborazzjoni bejn id-Dipt. u l-Kunsilli Lokali u nhar il-Ġimgħa kien ser isir l-iffirmar tal-MOU bejn iż-żewġ partijiet.

72.04.11 Is-Sindku nfurmat li l-*Active Ageing* kienu talbu sabiex il-Kunsill jagħti rigal żgħir lill-anzjani fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm. Din it-talba ġiet approvata unanimament.

72.04.12 Is-Sindku irriferiet għall-iskema SPI/SCI/3/2024 - Inizjattiva finanzjarja - lokalitajiet aktar nodfa u issuġġeriet li din is-sena t-tindif isir fl-akkwati tal-Ġibjun. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

72.04.13 Is-Sindku nfurmat li kienet irċeviet talba mingħand persuna bi bżonnijiet speċjali sabiex il-*bollards* li hemm fil-viċinanzi tal-*Communal Reserved Parking Bay* viċin l-ATM jiċċaqalqu sabiex dak li jkun ikun jista' joħroġ / jidħol aħjar fil-vettura tiegħu. Peress li x'aktarx dawn il-*bollards* kienu ġew installati mill-Bank minħabba l-ATM, ġie deċiż li l-ewwel għandna nkellmu lill-Bank.

72.04.14 Is-Sindku nfurmat li kienet irċeviet talba sabiex isiru *Sleeping Policeman* fid-daħla minn Dawret it-Torri lejn l-Għassa però dwar dan ma kienx hemm qbil u ġie deċiż naraw hux possibbli li jsiru xi tip ta' *rumble strips*.

72.04.15 Is-Sindku issuġġeriet li tinħareġ is-sejħa għan-nomini għal Ġieh Santa Lucija 2024 u dwar dan kien hemm qbil.

72.04.16 Is-Sindku nfurmat li d-DSE kien talab sabiex ma jibqax jokkupa din il-kariga minħabba pressjoni ta' xogħol fil-Kunsill oriġinali tiegħu. Hija qalet li kienet instabet persuna li hija Prinċipal f'Kunsill ieħor li kienet lesta li timla din il-kariga u li isimha kien ġie ikkomunikat lill-Kunsillieri qabel il-laqgħa u fiċ-ċirkostanzi ġie deċiż li għandu jiġi nfurmat id-DLG dwar din il-persuna sabiex ladarba tinkiseb l-awtorizzazzjoni, din il-persuna tkun tista tibda immedjatament.

Is-Sindku u l-Kunsillieri irringrazzjaw lid-DSE tal-ħidma tiegħu ġewwa Santa Luċija, l-ewwel bħala SE u għal dawn l-aħħar xhur bħala DSE u awgurawlu għall-futur. Min naħa tiegħu id-DSE irringrazzja

lill-Kunsill u lill-istaff li ħadem magħhom u wiegħed li ser jibqa' jgħin lid-DSE il-ġdida sa kemm ikun hemm bżonn.

72.04.17 Is-Sindku nfurmat li l-ħaddiema taħt l-iskema CIES kienet irriżenjat peress li kienet sabet impjieg ieħor mal-Gvern. Is-Sindku, Viċi Sindku u l-Kunsillieri preżenti irringrazzjaw lil din il-ħaddiema tax-xogħol li wettqet f'dawn l-aħħar 7 snin u awgurawla suċċess fil-kariga ġdida tagħha.

**72.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

72.05.01 Id-DSE informa li ħadd mill-Kunsillieri ma kien infurmaħ li kellu mistoqsijiet.

**72.06 Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

72.06.01 Ċirkulari 3/2024 - Proċedura Standard għal Talbiet ta' Kumpens mid-DLG. Il-Kunsill filwaqt li ħa nota tal-kontenut, issuġġerixxa li r-residenti għandhom ikunu nfurmati b'din il-proċedura u d-DSE informa li kien ser jikkomunika mad-DLG sabiex naraw kienx ser jinħareġ xi avviż uffiċċjali dwar din il-proċedura.

72.06.02 Korrispondenza mingħand TM fejn il-Kunsill kien ġie nfurmat li t-talba tiegħu sabiex isiru *Keep Clear road markings* fi Triq Stella Maris kienet ġiet approvata. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjon il-kontenut ta' din il-korrispondenza.

72.06.03 Korrispondenza mingħand id-DLG dwar Skema Ġonna fl-Urban fejn il-Kunsilli Lokali Jistgħu japplikaw sabiex iħawwlu 50 siġra taż-żebbuġ jew taċ-ċitru. Kien hemm qbil li jekk ikun possibbli napplikaw sabiex inħawwlu numru ta' siġar fil-*Jogging Track.*

72.06.04 Korrispondenza mingħand il-kuntrattur Karmig fejn ġejna pprovduti bi stima sabiex issir bankina fi Triq il-Ġibjun u fi Vjal l-Oleandri. Ġie deċiż li l-Kunsill għandu japplika taħt l-MOU mad-Dipt. tax-Xogħlijiet Pubbliċi sabiex isiru dawn il-bankini.

**72.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti 72/24**

72.07.01 L-iskeda ta' Pagamenti 72/24 ġiet approvata unanimament.

**72.08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

72.08.01 Il-laqgħa ntemmet fit-8:35 p.m. u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis 23 ta' Mejju 2024 fil-5:00 p.m.

**Konfermati illum il-Ħamis 23 ta' Mejju 202**

**IFFIRMAT** **IFFIRMAT**

**Charmaine St John** **Bernice Darmanin**

**Sindku** **Deputat Segretarju Eżekuttiv**